MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2010

Numru 871/2003

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Agius)

vs

El-Hanghari Mohamed

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-akkuzat ta’ karta ta’ identita’ numru 24057A, akkuzat talli:

1. nhar it-30 ta’ Gunju 2003 ghal habta tat-8:30 a.m. fi Vjal l-Avjazzjoni gewwa l-Gudja, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila jew professjoni, jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti waqt li kien qed isuq karozza tal-marka Datsun Nissan bin-numru ta’ registrazzjoni JAM296 ikkaguna incident stradali li fih ikkaguna offiza ta’ natura gravi li ggib debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem

jew iggib difett permanenti f'parti mill-ghamla tal-gisem jew marda permanenti tal-mohh u li ggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' Mark Caruana minn Birzebbugia kif gie ccertifikat minn Dr Malcom Borg ta' l-Isptar San Luqa bi ksur tal-Artikolu 218(1a)(b) tal-Kap 9;
2. fl-istess jum, hin u cirkostanzi bhala persuna li accerttat tixtri jew tbiegh naqas li jaghti avviz bil-miktub fi zmien seba' t'ijiem lill-Kummissarju tal-Pulizija jew lill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta bi ksur tal-MVR sec. 26;
3. wkoll fl-istess jum, hin u cirkostanzi saq vettura tal-marka Datsun bin-numru ta' registrazzjoni JAM296 minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni;
4. wkoll fl-istess jum, hin u cirkostanzi kkaguna hsara volontarja fuq il-mutur tal-marka Honda bin-numru ta' registrazzjoni FBH 416 liema hsara teccedi l-Lm100 izda mhux il-Lm500.

Rat l-Artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali li permezz taghhom dehrlu li tista' tinstab htija fl-akkuzat u baghat l-atti lil din il-Qorti sabiex tiggudika dwar il-htija jew nuqqas taghha tal-akkuzat;

Semghet lill-akkuzat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi huma segwitu ta' incident stradali bejn vettura tal-marka Datsun u mutur tal-marka Honda li sehh f'Hal-Luqa limiti Hal-Far. L-akkuzat kien is-sewwieq tal-vettura li f'tentattiv li jissorpassa truck ikkaguna l-kollizjoni mal-mutur li kien gej min-naha opposta. Konsegwenza ta' dan l-incident korra b'mod gravi s-sewwieq tal-mutur kif ukoll,

izda b'mod hafif, il-passiggiera li kienet riekba mieghu. Fuq dawn l-ahhar imsemmija feriti hfief però ma nhargu ebda akkuzi. Issa, fil-fehma ta' din il-Qorti, m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li ghall-habta hu hati l-akkuzat li kif jinghad fl-akkuza kkaguna l-istess b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, b'nuqqas ta' hila jew professjoni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku u dan ghaliex, apparti kull konsiderazzjoni ohra dwar velocita' u linji medjani kontinwi, bhala fatt jirrizulta wisq car li hu ma ha ebda prekawzjoni biex jindaga jekk it-triq kienet libera min-naha opposta qabel ma ttanta jissorpassa t-trukk. Hu ghal kollox irrilevanti jekk it-trukk waqafx hesrem jew le. L-akkuzat invarjabbilment kellu dejjem izom id-distanza rikjesta bejnu u t-trukk.

Dwar il-feriti sofferti mis-sewwieq tal-mutur ukoll m'ghandux ikun hemm dubbju li huma ta' natura serja ghaldaqstant li japplika l-Artikolu 226(1)(a) stante l-amputazzjoni ta' zewg swaba li kellu jsoffri l-vittma konsegwenza tal-incident stradali b'dan li giet lilu kkagunata debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni f'parti tal-persuna tieghu li effettivament gabet difett permanenti f'parti tal-ghamla ta' gismu jew ukoll sfregju gravi u permanenti f'wahda mill-id skond l-Artikolu 218(1b).

Similment, m'ghandux jkun hemm dubbju dwar ir-reita' fl-akkuza li tolqot ir-Regolament 26 tal-Avviz Legali 198/2004 konsistenti fin-nuqqas tieghu li jaghti l-opportun avviz fit-terminu hemm preskritt fuq l-akkwist tieghu tal-vettura lill-Kummissarju tal-Pulizija. F'dan il-kuntest id-dikjarazzjoni esebita in atti minnu ffirmata u fl-ebda hin kontradetta, li kien xtara l-vettura, l-istess li kien qieghed isuq fl-incident, hija cara fil-kontenut taghha. Idem, tindwadrax - , jirrizulta li kkaguna hsara lill-mutur. Però, apparti li ma hemm l-ebda prova dwar l-ammont tal-hsara, f'kull kaz din ma tirrikwadrax taht l-Artikolu 328 citat mill-Avukat Generali.

Intant li tirronka l-akkuza hi f'dik il-parti li takkuzah li ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni skond l-Artikolu 3(1) tal-Kap 104. Dak sostnut mir-rapprezentant tas-

socjeta' assikurattrici mhux riskontrabbli mill-Kap 104. F'kull kaz kellha tingab l-ahjar prova li fil-kaz kienet tkun il-polza ta' assikurazzjoni. Imkien fl-atti ma jirrizulta li giet esebita.

Ghaldaqstant u fuq l-iskorta ta' dak li ntqal hawn fuq tiddisponi mill-kawza billi:

- issib l-akkuzat hati tal-ewwel u t-tieni akkuza izda mhux tat-tielet u fic-cirkostanzi lanqas tar-raba' li minnhom tilliberah.

Rat l-artikoli 225, 226(1)(a), 218(1)(a)(b) u 17 tal-Kap 9 u r-regolament 26 tal-Avviz Legali 128/94.

Tiddeciedi: - kwantu ghall-ewwel akkuza skond l-Artikoli 225 u 226(1)(a) tikkundannah multa ta' tlett t'elef Ewro; u
- kwantu l-akkuza kontravenzjonali bi ksur tar-regolament 26 tal-Avviz Legali 128/94 tikkundannah 50 Ewro ammenda.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------